**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2024**

**Rikors nru ; 196/2024 AGV**

**JB**

**vs**

**DB S**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors** ta' JB –

Tesponi reverentement u tiddikjara bil-gurament;-

1. Illi l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg nhar id-29 ta' Lulju 2012 fir-Registru Pubbliku gewwa Malta (**Dokument BS1**), u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

2. Illi l-imsemmija konjugi infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Katrin Bartolo fit-28 ta' Awwissu 2023 (**Dokument BS2**) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minnghand xulxin (Artikolu 5.) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet, kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit

illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B gew sodisfatti, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet, kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjez.

**Rat ir- Risposta tal-konvenut DBS (ghar-rikors tal-attrici tas-16 ta' April 2024), datata 7 ta' Mejju 2024.**

**Jesponi reverentement u bil-gurament tieghu jikkonferma:**

1. Illi l-konvenut ma jopponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghal hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, tal-ligijiet ta‘ Malta, huma sodisfatti kif korrettament senjalat mir-rikorrenti fit-talba promotur taghha. L-esponent jemfasizza pero, b'mod partikolari ghaliex il-partijiet irregolaw s-separazzjoni permezz ta‘ kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Katrin Bartolo fit-28 ta‘ Awwissu 2023, illi l-kondizzjonijiet tieghu jibqu jorbtu lill-istess partijiet nonostante l-hall taz-zwieg taghhom.

2. Illi l-konvenut ma ghandhux pero jbati l-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-prezentata ta' din il-kawza izda kull parti ghandha, fl-umili fehma tieghu, tbati l-ispejjez rispettivi taghha.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat id-29 ta' Lulju 2012.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**